**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 16 ta' Dicembru, 2015**

Talba Numru: 827/2015JB

Kawza Numru: 7

**Awtorita' ghat-Trasport f'Malta**

***vs***

**Dimar Shipping Agency Limited (C 49356)**

It-Tribunal,

Ra t-talba prezentata nhar il-15 ta' Ottubru 2015, fejn ghar-ragunijiet hemm premessi, l-Awtorita' Attrici talbet li s-Socjeta Konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' elf, tlett mija u tmenin euro (€1,380);

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tad-9 ta' Dicembru, 2015;

Ra li ghad li giet debitament notifikata bl-atti, is-Socjeta Konvenuta naqset milli tipprezenta risposta fil-waqt li t-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan iddekorra inutilment;

Ra li ghad li l-kawza kienet differita ghas-seduta tal-lum, deher biss rapprezentant tal-Awtorita' Attrici li kkonferma bil-gurament il-pretensjoni tal-Awtorita' Attrici;

Ikkunsidra;

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) jipprovdi espressament fl-Art. 9(2)(a) li gudikatur "*għandu jiżgura li każ għandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigħ tiegħu u li dak is-smigħ ma jtulx iktar minn seduta waħda*". Tali dispozizzjoni naturalment mghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali;

Illi inoltre, l-Art. 13 tal-Kap. 380 jipprovdi espressament:

> Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita għas-smigħ tal-kawża, id-disposizzjonijet li ġejjin għandhom jgħoddu:

(b) jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-ġudikatur jista' jiddeċiedi l-kawża fin-nuqqas tal-konvenut u tista' ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri għandhom jgħoddu *mutatis mutandis*.

Illi hu car li fil-kawza odjerna, is-Socjeta Konvenuta wriet kontumelja assoluta meta ghad li kienet notifikata bl-avvizi tat-talba u tas-smiegh naqset milli tipprezenta risposta kif ukoll naqset milli tidher ghas-seduta. Mill-banda 'l ohra, l-Awtorita' Attrici, permezz tar-rapprezentant taghha Dr Christopher Spiteri, li xehed bil-gurament, irnexxielha tipprova t-talba kif dedotta u dan it-Tribunal ma jarax ghalfejn mghandux joqghod fuq il-provi li ghandu quddiemu. Fuq kollox, it-Tribunal iqis in-natura tal-proceduri quddiemu u l-ispeditezza li trid il-ligi;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-Talba attrici u jikkundanna lis-Socjeta Konvenuta thallas lill-Awtorita' Attrici s-somma ta' €1,380 bl-imghax legali skond il-ligi b'effett mid-data tan-notifika ta' din il-kawza u cjoe t-23 ta' Ottubru 2015. L-ispejjez kollha tal-proceduri jkunu a karigu tas-Socjeta Konvenuta.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Alan K. Zerafa
*Deputat Reġistratur*